MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 356/2014

Appell Nru: 356/2014

Il-Pulizja

Vs

Engilbert Zammit

Illum 29 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Engilbert Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 277485M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-18 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta' 06:45hrs gewwa Triq Aldo Moro, Marsa saq vettura HAC 847 ta' ghamla Favorit minghajr ma kellu polza t'assigurazzjoni li tkopri lilu u lil terzi persuni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. U aktar talli fl-istess zmien xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza,

4. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5. U finalment talli ghamel reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx minhabba l-kariga tieghu bhala Warden

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-15 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 183, 184, 185, 186, 188, 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li issib lill-imputat hati tal-akkuza kif kontemplata fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett snin mil-lum u tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.

Peress li din il-Qorti lliberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u din ma tammontax ghall-piena din il-Qorti mhiex tenuta li tapplika d-dispost tal-Artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-interdizzjoni generali u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Engilbert Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie lliberat u tikkancella dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija taht l-artikolu 188 u tilliberah mill-htija taht dan l-artikolu ukoll.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

6. bIlli l-aggravju huma cari u manifesti u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f'dan li gej:
7. Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija tal-appellant taht l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Dan l-artikolu jispecifika li huwa reat meta:

   > Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa;

9. Illi l-elementi ta' dan r-reat huma:
   1) Kull min,
   2) Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor;
   3) F'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika;
   4) Xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz...
10. Illi dawn l-elementi huma komulattivi u iridu jigu ippruvati kollha mill-prosekuzzjoni. Fermu dan il-principju, l-appellant ghandu jigi illiberat jekk wiehed minn dawn l-elementi ma jigi ippruvat. Fil-fatt qieghed jigi sottomess li il-prosekuzzjoni ma ippruvatx it-tieni u t-tielet element ta' dan ir-ret ossija li l-imputat appellant ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor u li dan id-dokument kien mahsub ghal xi awtorita' pubblika.

Nuqqas ta' prova rigward xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor

11. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tghid li l-imputat ma kellux ghalfjen jikteb isem missieru fuq il-formula tal-bumper to bumper, stante li huwa kien kopert bil-polza ta' assigurazzjoni. Fil-fatt, l-appellant kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni u ghalhekk ma kien hemm l-ebda skop u ma kien hemm l-ebda beneficcju li setgha jakkwista mid-dikjarazzjoni tieghu.
12. Illi dato ma non concesso li kien hemm beneficcju, dan il-beneficcju ma giex ippruvat. Dan qieghed jintqal stante li minn l-investigazzjoni zgarbata tal-Pulizija kif ukoll minn l-Artikoli li hareg l-Avukat Gnerali johrog car li kemm il-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali kienu qed jassumu li l-appellant kiteb isem missieru fuq il-formola ghax ma kienx kopert bl-assigurazzjoni. Dan ma kienx il-kaz.
13. Illi ukoll hija assunzjoni gratwita jew addirittura kongentura tal-Qorti tal-Magistrati meta fis-sentenza taghha tghi li m'hemmx dubbju li tali formola kienet ser tintuza quddiem xi awtorita' pubbblika u appuntu ghand is-socjeta' assikurattrici u possibilment aktar tard il-Qorti. Fejn hi l-prova ta' dan?
14. Fuq l-istess binarju l-Qorti assumiet ukoll li l-imputat qabad u mela formola tal-bumper to bumper b'mod skorrett u dan xjentement bl-intendere li jizvija l-investigazzjoni tal-pulizija esekuttiva. Kif seta l-appellant ikun jaf li din is-semplici kollizjoni ta' bumper to bumper kienet se tigi nvestigata mill-pulizija? Fil-fatt kien aktar minn sentejn wara li dan il-kaz gie investigat!

Id-dokument irid ikun mahsub ghal xi awtorita' pubblika

15. Illi faluta kienet l-investigazzjoni tal-pulizija u konsegwenzjali prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Bla ebda mod immaginabbli ma gie ippruvat li l-appellant mela din il-formola b'isem missieru bi hsieb li tintuza quddiem xi awtorita' pubblika. L-appellant jew missieru qatt ma marru ghand xi awtorita' pubblika. Allura kif setghet il-Qorti ssib htija fl-appellant jekk mhux ghax regghet issodisfat dan l-element b'assunzjoni u kongentura ohra.
16. Illi l-Qorti fis-sentenza taghha tghid:

    'M'hemmx dubbju li tali formola kienet ser tintuza quddiem xi awtorita' pubblika u appuntu ghand is-socjeta' assikuratrici u posssibilment aktar tard il-Qorti...'

17. Liema hi din l-awtorita' pubblika? Liem hi din is-socjeta' assikuratrici? Huwa dogmatiku fil-kamp kriminali li l-'possibili' mhux grad tal-prova! Kif tista' l-Qorti tassumi li din il-formula kienet possibilment aktar tard se tintuza l-Qorti minn l-appellant? Lanqas il-prosekuzzjoni stess ma argumentat li din il-formola kienet intiza sabiex tigi esebita il-Qorti u jekk dan kien il-kaz ma tressqet l-ebda prova ta' dan;
18. Permess is-suespost, socjeta' assikuratrici ma tista' qatt tikwalifika bhala awtorita' pubblika. Socjeta assikurattrici hija entita privata u kummercjali u mhux awtorita' pubblika.

19. Illi fil-verita l-pulizija kif ukoll l-Avukat General akkuzaw lill-appellant b'numru ta' artikoli tal-ligi li fic-cirkostanzi tal-kaz ma kienux applikabbli. Issir referenza ghal l-artikolu 67 tal-Kap 65 li huwa reat specifiku intiz ghal minn jaghti taghrif falz f'din it-tip ta' formola kif ukoll ghal l-artikolu 187 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal falsifikazjoni fi skritturi privati. Il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx taghmel tajjegb ghal dan in-nuqqas tal-pulizija jew l-Avukat Gneereali billi tinterpreta l-provi u l-ligi b'mod li tissodisfa l-elementi meta l-ebda prova ma tresqet f'dan ir-rigward.
20. Ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' thija tal-appellant taht l-artikolu 188.
21. Minghajr pregudizzju ghal dan, l-ahjar prova fic-cirkostanzi tal-kaz ma ngabitx quddiem il-Qorti. L-prosekuzzjoni fil-fatt naqset li tesebixxi l-formola li giet iffalsifikata u esebiet biss numru ta' fotokopji. Fotokopja ma hijiex prova u fuq din biss l-appellant ma' seta qatt b'mod legali jinstab hati.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal haba tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (6.45 a.m.) l-appellant kien qed isuq vettura HAC 847 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa. Hemmhekk kellu incident zghir u giet mimlija l-formola maghrufa bhala bumper to bumper. Fuq din il-formola l-appellant dahhal isem missieru bhala l-persuna illi kienet qieghda ssuq il-karozza u iffirma b'mod illi ma jiffirmax tas-soltu. Il-kaz gie irrappurtat lill-pulizija illi ipprocediet kontra l-appellant u b'sentenza moghtija fil-hmistax (15) ta' Settembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellant hati ta' numru ta' imputazzjonijiet izda sabitu hati taht l-akkuza kif ikkontemplata fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju principali tieghu kien fis-sens illi l-appellant ma seta' qatt jinstab hati taht l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan il ghaliex b'dik il-firma ma giex ippruvat illi l-appellant ha xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor u li d-dokument kien mahsub ghal xi awtorità pubblika. Ikkritika l-argument tal-ewwel Qorti meta din qalet, "M'hemmx dubbju li tali formola kienet ser tintuza quddiem xi awtorità pubbliku u appuntu ghand is-socjetà assikuratrici u possibilment aktar tard il-Qorti ...". L-appellant korrettament argumenta illi s-socjetà assikuratrici mhiex awtorità pubbliku u dan, illi possibilment seta' jsir, mhuwiex grad tal-prova u l-ewwel Qorti ma setghet qatt tassumi illi l-formola kienet ser tintuza l-Qorti mill-appellant. Ghalhekk ikkonkluda illi l-Qorti tal-Magistrati ma

setghet qatt b'mod ragjonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija taht l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' verbal tas-7 ta' Jananr tal-elfejn u hmistax (2015) l-Avukat Generali irrikonoxxa l-ilment tal-appellant, iddikjara illi bi zvista gie ikkwotat l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali flok l-artikolu 189. "In all fairness" l-ewwel Qorti ma gietx mgharrfa b'dan l-izball u kompliet biex taghti d-deliberazzjonijiet taghha fuq l-artikolu 188 minghajr ma kienet taf illi dan l-artikolu ma kellux japplika ghal dan il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-appellant ghandu ragun u l-appell tieghu jisthoqq li jkun milqugh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie illiberat u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet htija taht l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-appellant mhux hati taht dak l-artikolu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------